Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Gejtu Calleja<br>Is-Sur. Martin Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt<br>Is-Sur. Raymond Ellul |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Korrispondenza
- Ground Hal Farrug
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Ellul saqsa lis-Segretarju biex ikun jista jara l-pjanti tal-proġett ta' Ħal Farruġ peress li ma kienx preżenti fil-laqgħa ta' qabel. Is-Segretarju ta kopja tal-pjanta lis-Sur. Ellul.

2.2 Is-Sur. Calleja saqsa lis-Segretarju meta l-iskip li kienet proposta fejn kien issuġġerrixxa l-Kumitat Amministrattiv se titpoġġa fejn kienet proposta. Is-Sur. Borg wieġeb li meta jkun lest jista jieħu l-iskip huwa fil-post. Is-Sur. Calleja qal li huwa anki kien qal lir-residenti biex dawn ma jarmux mal-art. Kien suġġerritt ukoll biex issir tabella fejn se ssir l-iskip biex ir-residenti ma jarmux mal-art. Il-Kumitat kollu ssuġġerrixxa biex din l-iskip titressaq fejn kien hemm imsemmi fil-petizzjoni.

## 3. XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sur. Ellul semma li fejn joqgħod hu, qed ikun hemm min iddur bis-saħħa bil-karozza u jkun ta' periklu. Barra min hekk huwa qal li hemm bżonn li jsiru l-linji sofor għax qed ikun hemm karozzi li jostokolaw fil-kantuniera.

3.2 Is-Sur. Ellul semma wkoll li hemm bżonn isiru stop signs fit-toroq li jagħtu min fejn hemm il-blokok għal Triq Ħal Farruġ għax hemm ir-riskju li jkun hemm xi inċident.

3.3 Is-Sur. Ellul semma biex issiru aktar mirja biex jitnaqqas il-periklu.

3.4 Is-Sur. Saliba semma li l-mirja li hemm fi Triq Ħal Farruġ faċċata tat-toroq li jagħtu għal bini tal-ex servizzi hemm bżonn li jitressqu u jitpoġġew faċċata għax qegħdin ħażin.

3.5 Is-Segretarju semma li mal-Kunsill kien hemm assenjata tlett ħaddiema ġodda li waslu dil-ġimgħa. Huwa semma wkoll li dawn il-ħaddiema diġa kienu għamlu xogħol f' Ħal Farruġ. Fl istess ħin is-Segretarju issuġġerrixxa wkoll biex issir lista tax-xogħolijiet li hemm mixtieqa biex issiru f' Ħal Farruġ.

3.6 Is-Sur. Saliba semma li maġenb il-kappella hemm karozza mkissra sabiex jiġu kkuntatjatti l-Pulizija u jneħħuhom minn fuq il-post. Fl-istess żona hemm ukoll xi gzuz ta terapin li jridu jitwwita u jkun unit mal-bqija taż-żona.

3.7 Is-Sur. Borg semma li kien hemm xogħol mibdi fi Triq il-Masġar biex dan jitlesta u jsiru l-marki tat-toroq fejn hemm bżonn.

3.8 Is-Sur. Saliba semma li hemm ficus viċin ta fejn hemm iż-żona industrijali biex din tinżabar.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Segretarju semma lil membri tal-Kumitat li kien ġie rappreżentant min naħa tal-Istandards Authority fejn ra l-bandli u ssuġġerixxa biex dawn jitneħħew peress li ma kinux up to standard. Is-Segretarju semma li mhux vjabbli li jkun hemm maintenance fuqhom peress li dalwaqt jinqala kollox biex ikun jista jsir il-proġett, wara li jkun hemm approvazzjoni.

4.2 Is-Segretarju semma li giet mneddija skema għat tieni darba dwar il-proġetti u inizjattivi tal-Kumitati Amministrattivi. Din l-iskema hija miftuħa sad 29 ta' Lulju. Il-membri tal-Kumitat preżenti ddiskutew x jista' jsir bħala proġett u qablu biex Triq id-Daquqa Kaħla tiġi resurfaced mill-ġdid. Kien suġġeritt biex tinġieb stima tax-xogħol biex il-Kumitat Amministrattiv ikun jista' jiddeċiedi aħjar.

4.3 Is-Sur. Gatt issuġġerrixxa biex Triq il-Biedja issir one way u mhux kif inhi bħalissa. Huwa ssuġġerrixxa wkoll biex il-mirja li hemm jitressqu.

4.4 Kien hemm suġġeriment min naħa tal-membri biex issir tinda fejn hemm l-istage tal-karozzi biex min ikun hemm jistenna ma jixarabx.

4.5 Kien hemm mistoqsija min naħa tal-Kumitat Amministrattiv jekk hemmx flus li jistgħu jintużaw biex isiru attivitajiet kulturali. Is-Segretarju wieġeb li se jkun qed jiċċekja.

4.6 Kien hemm suġġeriment biex issir attivita kulturali għal okkażżjoni tal-festa tal-Vitorja li tista tkun forma ta Lejla Maltija. Is-Segretarju qal li peress li din se tkun l-ewwel darba l-aħjar ikun jekk wieħed iġib sponsors. Kien hemm l idea li ssir bħal forma t exhibition u wieħed jieħu feedback min hemm. Il-membri semmew li dan il-każ l-aħjar jekk jerġa jitqajjem darb oħra.

4.7 Ic-chairperson semma wkoll li għandu jibda jingħata Ġieħ Ħal Farruġ. Huwa ppropona lis-Sinjura Mary Demicoli biex tingħata dan il-Ġieħ l-ewwel darba. Il-membri qablu ma din il-proposta.

4.8 Is-Sur. Ellul semma li tkun ħaġa tajba jekk issir forma ta brochure biex jitqassam lir-residenti ta' Ħal Farruġ biex dawn ikunu jafu, x' sar u x' qed issir bl għajnuna tal-membri.

4.9 Is-Sur. Ellul u s-Sur. Gatt qallu li r-rotta tal-Arriva mhux se tkun għaddeja fejn hemm Triq il-Qasam Sperimentali. Kien hemm suġġeriment mill-membri biex ikun hemm diskussjoni mal-Arriva u r-rotta tkun tista tgħaddi min hemm wkoll.

## 5. GROUND ĦAL FARRUĠ

5.1 Is-Segretarju ressaq żewġ newspaper cuttings li kienu jitkellmu dwar il-ground li se jsir għat tim tal-Belt. Dawn deheru fuq l-Orriżont. Il-membri wara ħafna diskussjoni ssuġġerew biex isir meeting mal-President tal-Valletta FC sabiex wieħed ikun jaf aktar

fid-dettal fuq dan il-proġett u fl istess ħin anki jkun jista jintalab xi arranġament għar residenti ta' Ħal Farruġ.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar IT-Tlieta 28 ta' Ġunju 2011 fis-7.00 p.m. Kien hemm id-data proposta għal 20 ta' Lulju għal-laqgħa segwenti.**

.

Konfermati llum ________________________ 2011.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |